MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 16/2009

Emanuela Hili armla ta’ Espedito Hili (ID.69845(G)) u ghal kwalunkwe’ interess li jista’ jkollhom Roberta Cassar (ID.17468(G)), Joel Hili (ID.11274(G), u Miriam Hili (ID.14181(G) bhala eredi ta’ Espedito Hili

vs

Francois Saliba (ID.27181(G))

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-4 ta’ Mejju 2009, li jghid hekk :-

‘Peress illi l-atturi ghandhom jiehdu minghand il-konvenut is-somma ta’ elf disa’ mija u tmienja u tmenin Euro u sittin Euro centesimi (€1988.60) arretrati tal-kera tal-hanut bin-numru tnejn u disghin (92), Triq Vajringa, Victoria, Ghawdex, ghall-iskadenzi tal-wiehed u tletin (31) ta’ Awissu elfejn u tmienja (2008), tletin (30) ta’ Settembru elfejn u tmienja (2008), wiehed u tletin (31) ta’ Ottubru

elfejn u tmienja (2008), u tletin (30) ta’ Novembru elfejn u tmienja (2008), kif ukoll is-somma ta’ elf hames mija u tliet Euro u tlettax –il centezmu (€1503.13) kontijiet tad-dawl u ilma u hlas tal-meters rispettivi, kollox kif miftiehem fl-iskrittura privata tas-seba’ u ghoxrin (27) ta’ Marzu elfejn u tmienja (2008) (Dokument A).

Peress illi l-konvenut ma hallas l-ebda parti mill-ammont minnu dovut, jghid il-konvenut ghaliex huwa m’ghandux (1) jigi kkundannat li jhallas l-ammont totali ta’ tliet elef erba’ mija u wiehed u disghin Euro u tlieta u sebghin centesimi (€3491.73) kif spjegat hawn fuq, prevja dikjarazzjoni li huwa tenut ihallas l-istess ammont a bazi tal-iskrittura privata tas-seba’ u ghoxrin (27) ta’ Marzu elfejn u tmienja (2008) (Dok. A).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ Qbid numru 88/2009 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha huwa mharrek.

Bl-imghaxijiet skond il-Ligi.’

Ra r-risposta tal-konvenut tas-27 ta’ Mejju 2009, li tghid hekk :-

‘Illi b’referenza ghat-talbiet ta’ l-atturi, il-konvenut ghalkemm jaqbel li l-ammont huwa korrett, dawn xorta m’humiex dovuti stante li jezisti ftehim verbali li l-atturi kellhom inaqqsu minn dan l-ammont dovut il-benefikati kollha li ghamel il-konvenut fil-fond in kwistjoni u li ghalhekk il-probabilita’ hi li ghandu jiehu l-konvenut u mhux l-attur.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.’

Fl-udjenza tat-30 ta’ Settembru 2009, xehedet l-attrici Emanuela Hili.

Fl-istess udjenza tat-30 ta’ Settembru 2009, gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Fl-udjenza tat-8 ta’ Ottubru 2009, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie msejjah diversi drabi, dawn il-kapitoli gew mehuda bhala mistqarra.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidra :-

Illi mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta li bejn il-partijiet kien sar ftehim tal-kera permezz ta’ skrittura tas-27 ta’ Marzu 2008, li permezz tieghu l-konvenut kien kera l-hanut numru tnejn u disghin (92), fi Triq Vajringa, Victoria, Ghawdex, bil-kera ta’ sittax –il Euro u tletin centesimi (€16.30) kull jum pagabbli kull l-ahhar tax-xahar. Jirrizulta li din il-kirja tal-fond kienet giet terminata fl-ahhar ta’ Novembru 2008, u li l-konvenut kien halla xi pendenzi fil-hlasijiet tal-kera u fil-kontijiet tas-servizzi tad-dawl u l-ilma, li komplessivament jammontaw ghas-somma li l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat li jhallashom ta’ tliet elef erba’ mija u wiehed u disghin Euro u tlieta u sebghin centesimi (€3491.73), liema ammont il-korrettezza tieghu mhijiex qed tigi kkontestata mill-konvenut kif jirrizulta car mir-risposta tieghu stess.

Il-fatt li gew ipprezentati l-kapitoli li baqghu ma gewx ikkontestati mill-konvenut, dan it-Tribunal mhuwiex marbut li joqghod dejjem fuq il-prezunta konfessjoni billi jilqa’ t-talba attrici b’ghajnejh maghlqua, u ghandha tigi ezaminata bir-reqqa flimkien mal-provi l-ohra kollha. Intqal li ‘*huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni. Imma dana ma jfissirx li l-qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidhrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra.*’ [Prim’Awla, Tabib Dr. Antonio Zammit et vs Francesco Pace et, 28/06/1952 –

Kollez. XXXIV.ii.484]. Intqal ukoll li '*l-Qorti mhix obbligata toqghod dejjem u inalterabbilment fuq il-konfessjoni prezunta; ghax is-subizzjoni hija mezz ta' prova u ghandha tigi ezaminata u valjata bhal u flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza. Viceversa, il-Qorti ghandha tuza dejjem id-diskrezzjoni taghha u tara x'inhija l-prova l-aktar kredibbli; u dan sal-punt li tista' sahansitra ix-xindi l-prova li gejja mis-subizzjoni*.' [Prim'Awla, Serafina Gatt Cecy vs Emmanuele Formosa, 20/01/1956 – Kollez. XL.ii.702].

Dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa l-provi kollha. Il-konvenut pero' jippretendi li ma jhallasx l-ammont mitlub mill-atturi billi skond kif iddikjara fir-risposta tieghu huwa kellu ftehim verbali mal-atturi li ma jhallsux peress li fil-hanut kien ghamel benefikati li baqghu hemm fi tmiem il-kirja, liema ftehim pero' l-konvenut baqa' ma ressaq ebda prova dwaru. Minn ezami tal-ftehim tal-lokazzjoni esibit in atti jirrizulta li l-konvenut kien intrabat li jaghmel a spejjez tieghu kwalunkwe' xogholijiet jkunu ta' liema entita' li jkunu sabiex il-fond  li kien kera minghand l-atturi jkun jista' juzah ghall-iskop miftiehem. Il-ftehim izid jispecifika wkoll li kwalunkwe' attrezzi jew benefikati ta' natura permanenti jaccedu mal-fond u ma jkunux jistghu jitnehhew minghajr il-kunsens tas-sid u lanqas ikun dovut xi kumpens lill-inkwilin minhabba fihom tul il-kors tal-kirja jew fi tmiemha. Gie miftiehem ukoll l-ammont tal-kera li l-attur ried ihallas kull l-ahhar tax-xahar, u dwar il-hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u l-hlas tar-renti tal-meters rispettivi li kellhom jkunu a karigu tieghu ukoll.

Fid-dawl ta' dak li gie espressament miftiehem bejn il-partijiet, li bl-ebda mod ma gie kontradett mill-konvenut, dan it-Tribunal iqis it-talba tal-atturi bhala gustifikata u timmerita li tigi milqugha. Kif sewwa rriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-11 ta' Lulju 1989, fil-kawza fl-ismijiet : **Henry Degabriele noe vs Joseph Pullicino**, il-qofol u l-pedament ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obbligazzjoni sa mill-bidu – cjoe' r-*rationalis principium* huwa li *pacta sunt servanda*.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet elef erba' mija u wiehed u disghin Euro u tlieta u sebghin centesimi (€3491.73), dovuti ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz tat-talba, bl-imghax legali fuq din is-somma b'effett mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru 2008, sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut, inkluzi tal-ittra ufficjali numru 575/08 u tal-Mandat ta' Qbid numru 88/2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------